MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 771/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Carmel Azzopardi**

Numru 771/2007

Illum 13 ta' Mejju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Azzopardi**, bin Francis Xavier u Theresa neé Cassar, imwieled fit-3 ta' Dicembru 1958, residenti fil-fond 2, Triq Santa

Theodora, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 61458(G), akkuzat talli nhar it-28 ta' Awwissu 2007 ghall-habta tas-07:30p.m. waqt li kien fl-inhawi fi Triq it-Tabib Anton Tabone u Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex:

1. saq M/Cycle FAZ 796 Suzuki FR80 ta' kulur ahmar minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' Kompetenti;
2. saq l-imsemmi M/Cycle minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

3. saq l-imsemmija vettura minghajr ma libes *crash helmet*;

4. f'Tac-Cawla fl-istess hin verbalment ingurja u hedded lil bintu Maronia Azzopardi.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim'Imhallef.

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014.

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014, il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2015 lid-difiza titlob li d-depozizzjonijiet moghtija minn Dr. Joseph Spiteri u Dr. Joseph Vella Baldacchino flimkien mar-rapporti taghhom fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** (Kawza Numru 7/2007) ikunu japplikaw ghall-kawza odjerna, liema talba giet milqugha wara li l-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni ma toggezzjonax ghat-talba tad-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2015, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2015, is-sottomissjonijiet finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007, gie ezebit affidavit u okkorrenza ta' **PS 1040 John Grima** liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "A" u "B" rispettivament. Fl-affidavit tieghu, PS 1040 Grima jirrakonta dak li ilmenta mieghu Etienne Xuereb fit-28 ta' Awwissu 2007. Jaghmel riferenza wkoll ghal dak li rraportat bint l-imputat, Maronia Azzopardi. Kemm Xuereb u kif ukoll Maronia Azzopardi nfurmaw lil PS 1040 li l-imputat kien qed isuq *motor-cycle* ahmar u li kien bla *crash helmet*. Jghid li Maronia Azzopardi qaltlu wkoll li missierha ghadda minn taht il-gallerija tal-flat fejn toqghod ma' ommha f'tac-Cawla u beda jghajjat u jinsulentaha: *"ja kahba! Ohrog ser inkieghdek!"*. Jghid li mar ikellem lill-imputat u lil huh Andrew Azzopardi u li rrizultalu li Andrew Azzopardi kellu *motor-cycle* FAZ 796 ta' kulur ahmar kif ukoll *crash helmet* isfar. Jghid li Andrew Azzopardi nfurmah li huh l-imputat kien talbu il-mutur peress li ried imur ta' Sannat pero l-mutur ma tahulux. Jghid li l-imputat cahad li ha l-mutur u cahad ukoll li mar fejn il-flat ta' martu f'tac-Cawla u ghajjar lil bintu. Spjega li Maronia Azzopardi wrietu ritratt li fih qaltlu li kien jidher missierha l-imputat minghajr *crash helmet* isuq *motor-cycle* ahmar. Jghid li fir-ritratt dehru trakk blu u *pick-up* ahmar li kkonferma kienu ghadhom fl-istess post kif jidhru fir-ritratt. Jghid li anke Miriam Azzopardi, mart l-imputat, ikkonfermat li rat lill-imputat ghaddej minn taht il-gallarija taghha. Jghid li aktar tard dakinhar stess l-imputat mar l-Ghassa tal-Pulizija u nfurmah li kien hu li ghadda bil-mutur ta' huh Andrew minn taht il-gallarija tal-flat fejn toqghod martu. Jghid li qallu li ma kienx insulenta lil bintu. Jghid li ammetta li ma kellux licenzja tas-sewqan sabiex isuq mutur. Jghid ukoll li rrizultalu li l-imputat ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan sabiex isuq *motor-cycle*.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007, xehdet **Maronia Azzopardi** fejn qalet li dakinhar tal-akkadut rat lil missierha l-imputat ghaddej bil-*motor cycle* minghajr ma kien liebes *crash helmet* u hi kienet fil-gallarija u li, fost l-ohrajn, qalilha: *"qahba"* u *"npattihielek"*. Ezebiet zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. "C" u Dok. "D".

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **Miriam Azzopardi** fejn qalet li l-imputat huwa zewgha u li dakinhar tal-akkadut rat lill-imputat bil-mutur u li ma kienx liebes *crash helmet*. Tghid li semghetu jghid diversi kliem, fosthom il-kelma *"qahba"*.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Saviour Farrugia** (rapprezentant ADT) fejn qal li l-imputat m'ghandux licenzja biex isuq mutur.

**Saviour Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' April 2008 fejn qal li mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAZ 796 jappartjeni lil Andrew Azzopardi.

**Saviour Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda, fuq talba tad-difiza, fis-seduti tas-27 ta' Jannar 2015 u tat-3 ta' Frar 2015 fejn qal li fit-28 ta' Awwissu 2007 il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAZ 796 kien isejjah lil Andrew Azzopardi. Jghid li ladarba thallset il-licenzja, kien hemm polza ta' assikurazzjoni. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "SF 1".

Illi, riferenza sejra ssir issa ghad-depozizzjonijiet moghtija minn Dr. Joseph Spiteri u Dr. Joseph Vella Baldacchino flimkien mar-rapporti taghhom fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** (Kawza Numru 7/2007) *stante* li l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex dawn japplikaw ghall-kawza odjerna.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** (Kaz Numru. 7/2007), xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 52 *et seq.*[1]) fejn spjega li huwa ezamina lill-imputat diversi drabi kemm f'Ghawdex u kif ukoll f'Malta. Jiddeskrivi lill-imputat bhala persuna b'hafna problemi fosthom problema ta' alkohol u problemi ta' personalita' u ta' relazzjonijiet. Spjega dak li ghadda minnu l-imputat u kif ukoll il-fatt li l-problema tal-alkohol kienet ilha ghal aktar minn ghoxrin sena u li din tikkawza dizordni kemm fil-personalita' u kif ukoll tikkawza element ta' *disinhibition* meta jkun hemm intossikazzjoni u jaghti spjegazzjonijiet. Jghid li minkejja li kienu gew preskritti *anti-depressants*, l-imputat qatt ma hadhom u minkejja li kien dahal ghal *rehabilitation*, kien ghamel ftit granet u telaq. Jghid li l-imputat ghandu problema serja tal-alkohol u li r-reat in kwistjoni kien relatat maz-zmien fejn kien qed jixrob kwantita' qawwija. Mistoqsi mill-Qorti x'tip ta' kura jista' jinghata l-imputat, jghid li jidhirlu li s-Sedqa toffri ghajnuna ta' gruppi u li anke l-Oasi toffri ghajnuna fuq problemi ta' xorb. Jghid: *"nahseb li l-iktar haga li hija importanti hija li jkun hemm xi hadd li qed jissorveljah regolari ghaliex hu juri commitment illi imbaghad il-commitment jisfaxxa"* (*a fol.* 53[2]). Jghid: *"l-intenzjonijiet ikunu tajbin u jisfaxxaw u dik hija l-hajja tieghu. [...] hemm il-miskin ghax garrab, pero min-naha l-ohra r-realtà huwa li l-konsegwenzi huma li jaghmel dawn ir-reati"* (*a fol.* 53[3]).

[1] Tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** (Kaz Numru 7/2007).

[2] *Ibid.*

[3] *Ibid.*

Jghid: *"li jkun hemm sorveljanza stretta hija importanti"* (*a fol.* 53[4]). Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "JS" (*a fol.* 55 *et seq.*[5]).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi** (Kaz Numru. 7/2007), xehed **Dr. Joseph Vella Baldacchino** (*a fol.* 79 *et seq.*[6]) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JVB" (*a fol.* 81 *et seq.*[7]). Jghid: *"fil-prezent mhu qed ibati minn ebda disturb psikjatriku li jaffetwalu l-kapacità di intendere di volere; certi fatturi psiko-socjali setghu jwassluh biex jinfexx f'xorb eccessiv; qed nalludi ghal meta kellu dan l-istress factor u anke t-tfal ma baqghux ikellmuh, it-tfal huma kbar, ghandhom certa età; marru m'ommhom, ma riedux ikellmuh, u anke wara gara li meta mar jghix fid-dar originali t'ommu ma' huh, dan sab xi partner huh, u wkoll regghu tefghuh 'l barra. Allura spicca qisu dejjem rejected minn kulhadd. [...] Kif ghidt, certu fatturi waslu biex ikun hemm iktar xorb eccessiv, imbaghad jaffettwalu l-inibizzjonijiet fil-komportament tieghu. Ma jidher li kien hemm l-ebda differenza fil-pattern tal-komportament bejn issa – qed nghid fl-ahhar sena – u z-zmien ta' qabel jigifieri fiz-zmien tal-allegat reat, ta' meta gie akkuzat"* (*a fol.* 80[8]).

**Ikkunsidrat**

[4] *Ibid.*

[5] *Ibid.*

[6] *Ibid.*

[7] *Ibid.*

[8] *Ibid.*

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, id-difiza eccepiet li l-imputat ma kellux il-*compos menti* fil-mument tal-kommissjoni tar-reat u b'hekk il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Spiteri. Din l-eccezzjoni baqghet ma gietx degretata. Minn dak li xehdu Dr. Joseph Spiteri (*a fol.* 52 *et seq.*[9]) u Dr. Joseph Vella Baldacchino (*a fol.* 79 *et seq.*[10]) u mir-rapporti (Dok. "JS" u "JVB" – *a fol.* 55 *et seq.*[11] u *a fol.* 81 *et seq.*[12]) taghhom, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-eccezzjoni sollevata mid-difiza ghandha tigi milqugha u b'hekk din ghandha tigi michuda.

Illi b'hekk il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali l-Qorti jirrizultalha pruvat li dakinhar tat-28 ta' Awwissu 2007 kien l-imputat li kien qed isuq *motor-cycle* ta' kull ahmar minghajr *crash helmet*. Dan jirrizulta mid-depozizzjonijiet moghtija minn Maronia Azzopardi (bint l-imputat) u kif ukoll minn Miriam Azzopardi (mart l-imputat). Mehuda dawn in konsiderazzjoni u kif ukoll tent kont tad-diversi depozizzjonijiet moghtija minn Saviour Farrugia (ir-rapprezentant tat-Trasport Malta) u mid-dokumenti ezebiti minnu, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab

[9] *Ibid.*

[10] *Ibid.*

[11] *Ibid.*

[12] *Ibid.*

hati taghhom. Mhux l-istess jista' jinghad ghat-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, tenut kont ta' dak li xehdu mart u bint l-imputat, il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghala tiddubita dak li huma qalu fir-rigward tal-kliem uzat mill-imputat fir-rigward ta' bintu Maronia Azzopardi u b'hekk ir-raba' (4) imputazzjoni giet pruvata wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u dak li xehdu Dr. Joseph Spiteri u Dr. Joseph Vella Baldacchino u r-rapporti taghhom minn fejn jirrizulta, fost affarijiet ohra, li l-imputat kellu dipendenza fuq ix-xorb. Il-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni pero, fl-istess waqt, filwaqt li tinnota li f'kawza ohra kontra l-istess imputat li giet deciza llum gie applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz ghandha tigi applikata multa ghar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati biex b'hekk l-imputat possibbilment jifhem li minkejja l-problemi li kien ghaddej minnhom f'hajtu huwa xorta jibqa' responsabbli ghall-azzjonijiet mwettqa minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 123(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carmel Azzopardi hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' mija u hamsa u sebghin Euro (€175.00).

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Maronia Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------